

31991R1184

L 115/15

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.5.1991

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1184/91**tas-6 ta' Mejju 1991****li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskema ta' għajjnuna għal produtturi Portugiżi ta' ċereali**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3653/90 tal-11 ta' Diċembru, 1990, li jintroduċi miżuri transitorji li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' ċereali u ross fil-Portugall⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3653/90 jintroduċi għajjnuna għal produtturi ta' ċerti ċereali mqiegħda fis-suq jew mibjugħa mill-produttur lil aġenzija ta' intervent; billi għandu jkun hemm definizzjoni tat-tifsira ta' bejgħ fis-suq;

Billi, biex l-iskema ta' għajjnuna titħaddem b'mod sodisfaċenti, Stati Membri għandhom jagħmlu kontrolli biex jassiguraw li l-għajjnuna tingħata skond il-kondizzjonijiet stabbiliti; billi applikazzjonijiet għal għajjnuna għandhom għalhekk jagħtu ammont minimu ta' tagħrif għall-iskop tal-kontrolli li jkollhom jittieħdu;

Billi, biex tkun assigurata applikazzjoni effiċjenti, għandu jkun stabbilit kif isiru kontrolli saltwarji fil-post dwar kemm l-applikazzjonijiet mibgħuta jkunu tajbin; billi dawn il-kontrolli għandhom isiru skond numru rappreżentattiv biżżejjed ta' applikazzjonijiet għal għajjnuna;

Billi għandu jkun stabbilit kif għandha tittieħed lura għajjnuna fil-każ ta' pagament indebitu u li jkun hemm pieni xierqa għal dikjarazzjonijiet foloz;

Billi, biex l-iskema ta' għajjnuna titħaddem b'mod sodisfaċenti, għandu jkun stabbilit li t-tagħrif mogħti fl-applikazzjonijiet għal għajjnuna jkun kompjuterizzat;

Billi l-miżuri msemmiya f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni ta' ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-għajjnuna msemmiya fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3653/90 għandha tingħata lill-produtturi Portugiżi ta' ċereali skond ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

1. L-għajjnuna għandha titħallas lill-produtturi jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għal kwantitajiet ta' ċereali

msemmin fl-Artikolu 1(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75⁽²⁾, li jkunu tkabbri fir-raba' tal-produttur u li dwarhom tingħieb prova li jkunu nbiegħu fis-suq.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "bejgħ fis-suq" tfisser il-bejgħ minn produtturi ta' ċereali f'għamla ta' qamħ lil intrapriżi ta' għbir, kummerċ u pproċessar, produtturi oħra jew aġenzija ta' intervent.

L-Artikolu 3

1. L-għajjnuna għandha titħallas mill-awtoritajiet Portugiżi lill-produtturi jew lill-aġenti awtorizzati tagħhom imsemmiya fl-Artikolu 2 meta dawn jitolbuha.

2. Applikazzjonijiet għal għajjnuna għandhom jintbagħtu lill-INGA flimkien ma' lista kronoloġika tal-bejgħ ta' kull ċereali li turi l-kwantità mibjugħa.

Għal bejgħ ta' kwantitajiet ta' inqas minn 40 tunnellata metrika, produtturi għandhom jibagħtu applikazzjoni waħda għal kull sena ta' bejgħ fis-suq.

3. L-applikazzjoni finali għal sena ta' bejgħ fis-suq għandha tintbagħat mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara ta' bejgħ fis-suq.

4. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom iħallsu l-għajjnuna mhux aktar tard minn tmien ix-xahar wara dak li fih tkun waslitilhom l-applikazzjoni.

L-Artikolu 4

1. Sabiex jikkwalifikaw taħt l-iskema ta' għajjnuna msemmiya f'dan ir-Regolament, produtturi ta' ċereali, minbarra qamħirrum jew sorgu tal-qamħ, għandhom jibagħtu lill-awtorità kompetenti kull sena, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April, dikjarazzjoni dwar prodotti tar-raba' l turi l-oqsma kollha miżrugħa b'kull xorta ta' ċereali, il-lok fejn ikunu jnsabu skond tagħrif katastali jew minn fonti ta' informazzjoni meqjusa bħala ekwivalenti mill-korp responsabbli biex jeżamina l-oqsma, bħalma huma mappa jew ritratt mill-ajru jew minn satellita li jippermettu lill-awtoritajiet ta' spezzjoni biex jidentifikaw b'mod ċar il-lok fejn ikunu l-oqsma.

Iżda, dikjarazzjonijiet dwar il-ħsad taċ-ċereali fl-1991 għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 1991. Fil-każ ta' qamħirrum u sorgu tal-qamħ, iż-żmien li fih għandha tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-prodotti tar-raba' għandu jkun mhux inqas tard mit-30 ta' gunju.

2. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra d-dikjarazzjoni tal-produttur u tatiha numru ta' reġistrazzjoni.

(¹) ĠU L 362, tas-27.12.1990, p. 28.

(²) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.

L-Artikolu 5

Prova li ċ-ċereali jkunu nbiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 2 għandha tingħata billi tkun ippreżentata, relattivament għal kull bejgħ, fattura datata li turi l-isem tal-bejgiegħ, l-isem tal-produttur u n-numru ta' reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, il-kwantità ta' kull ċereali mibjugħa u d-data tal-konsenja taċ-ċereali.

L-Artikolu 6

Il-bejgiegħa msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iżommu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kontinwament li jkun fihom b'mod partikolari:

- (a) l-ismijiet u indirizzi tal-produtturi jew l-operaturi li tawhom il-qmuħ taċ-ċereali;
- (b) il-kwantitajiet ta' kull tip ta' ċereali konsenjati kif imsemmi hawn fuq u d-data ta' dawn il-konsenji.

L-Artikolu 7

1. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jstabbilixxu sistema ta' kontrolli amministrattivi fil-post li jassiguraw li l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-għajnuna jkunu sodisfatti.

Huma għandhom jagħmlu kontrolli saltwarji fuq il-post dwar l-eżattezza ta' l-applikazzjonijiet mibgħuta u dwar id-dikjarazzjonijiet tal-prodotti tar-raba' msemmija fl-Artikolu 4.

2. Il-kontrolli fil-post dwar id-dikjarazzjonijiet tal-prodotti tar-raba' għandhom isiru għall-inqas fuq:

- 5 % tad-dikjarazzjonijiet tal-prodotti tar-raba' ta' inqas minn 25 ett,
- 20 % tad-dikjarazzjonijiet tal-prodotti tar-raba' ta' iżjed minn 25 ett iżda inqas minn 250 ett

u fuq id-dikjarazzjonijiet kollha tal-prodotti tar-raba' ta' aktar minn 250 ett.

L-Artikolu 8

1. L-awtoritajiet Portugiżi għandhom jagħmlu kontrolli fil-post fuq ix-xerrejja msemmija fl-applikazzjonijiet għal għajnuna. Il-kontrolli għandhom isiru fuq il-kontinwament imsemmija fl-Artikolu 16 u għandhom ikopru għall-inqas 20 % tal-kwantità ta' ċereali li għalihom tkun intalbet l-għajnuna u 10 % tax-xerrejja interessati.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Mejju, 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

Kull kontroll fil-post għandu jkun reġistrat frapport.

2. Fit-tmiem tas-sena tal-bejgħ fis-suq l-awtoritajiet Portugiżi għandhom jerġgħu jeżaminaw l-applikazzjonijiet kollha għal għajnuna u d-dikjarazzjonijiet tal-prodotti tar-raba' li jkollhom x'jaqsmu magħhom. Jekk dak l-eżami juri nuqqas ta' qbil bejn applikazzjoni ta' produttur għal għajnuna u l-kapaċità tiegħu fil-produzzjoni, l-Istat Membru għandu jagħmel eżami bir-reqqa ta' l-applikazzjonijiet kollha mibgħuta minn dak il-produttur.

L-Artikolu 9

1. Jekk il-kontroll li jsir fuq l-applikazzjonijiet għal ħlas ta' l-għajnuna juri nuqqas ta' qbil, il-produttur għandu jiġi diskwalifikat mill-iskema ta' għajnuna għas-sena relattiva għall-bejgħ fis-suq.

2. Fil-każ ta' ħlas indebitu ta' għajnuna, l-ammonti in kwistjoni għandhom jinġabru, flimkien ma' imgħaxijiet ta' 15 %, ikkalkolati fuq it-tul ta' żmien li jkun għadda bejn il-ħlas ta' l-għajnuna u l-ħlas lura mill-benefiċjarju. L-ammonti miġbura għandhom jitħallsu lill-aġenzija li tkun ħarġithom u għandhom jitnaqqsu mill-infieq magħmul mill-EAGGF, Sezżjoni tal-Garanzija.

3. Fil-każ ta' dikjarazzjonijiet dwar prodotti tar-raba', il-Portugall għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jimponi pieni għal dikjarazzjonijiet foloz. Huwa għandu jinnotifka lill-Kummissjoni b'kull miżura meħuda.

L-Artikolu 10

Meta l-applikazzjonijiet għal għajnuna jkollhom tagħrif mhux korrett intenzjonalment jew bħala riżultat ta' negliġenja kbira, l-applikant għandu jitlef id-dritt għal għajnuna għas-sena ta' wara ta' bejgħ fis-suq.

L-Artikolu 11

Il-Portugall għandu jieħu kull miżura oħra meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex jassigura li l-miżuri ta' kontroll ikunu ta' min joqgħod fuqhom. Għal dan l-iskop huwa għandu jikkompjuterizza t-tagħrif mogħti fl-applikazzjonijiet għal għajnuna.

L-Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.